

31984L0449

22.4.1997

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 251/1

**ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI****tal-25 ta'April 1984**

**li taddatta għall-progress tekniku għas-sitt darba d-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE 67/548/KEE 1967 rigward l-approssimazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-disposizzjonijiet amministrattivi dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettjar ta'sustanzi perikolużi**

(84/449/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE tas-27 ta'Ġunju 1967 rigward l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u disposizzjonijiet amministrattivi dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u t-tikkettjar ta' sustanzi perikolużi <sup>(1)</sup>, kif emendata għas-sitt darba bid-Direttiva tal-Kunsill 79/831/KEE <sup>(2)</sup>, u partikolarment l-Artikoli 19, 20 u 21 tagħha.

Billi l-Artikolu 3 (1) tad-Direttiva 79/831/KEE jipprovdi li proprjetajiet fiżiko-kimiċi, it-tossiċità u l-ekotossiċità tas-sustanzi u l-preparazzjonijiet għandhom ikunu ddeterminati skond il-metodi speċifikati fl-Anness V;

Billi l-Artikolu 19 tad-Direttiva 79/831/KEE tat-18 ta' Settembru 1979 jipprovdi li l-Anness V jaqa' taħt il-proċedura, li tinvolvi lill-Kumitat għall-Adattament għall-Progress Tekniku; billi rigward xieraq għandu jingħata, partikolarment, għal kull metodu rrikonoxxut u rrakkomandat mill-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti;

Billi d-disposizzjonijiet ta'din id-Direttiva huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat għall-Adattament għall-Progress Tekniku tad-Direttivi dwar it-Tneħħija ta' l-Ostakoli għall-Kummerċ f'Sustanzi u Preparazzjonijiet Perikolużi,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

It-test ta' l-Anness V tad-Direttiva 67/548/KEE hu hawnhekk mibdul bit-test ta' l-Anness ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 2*

L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw qabel l-1 ta' Lulju 1985 il-miżuri meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva u immedjatament jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan. Huma għandhom japplikaw dawn il-miżuri sa mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 1986.

*Artikolu 3*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, il-25 ta'April 1984.

*Għall-Kummissjoni*

Karl-Heinz NARJES

*Membre tal-Kummissjoni*

<sup>(1)</sup> ĠU L 196, tas-16.8.1967, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 259, tal-15.10.1979, p. 10.

## ANNEX

Dan l-Anness mhux qed ikun riprodott għaliex kien sostitwit bid-Direttiva 31992L0069.

---